MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 304/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Tonna)
Vs
Emanuel Attard

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 t'Ottubru, 2002 ghall-habta tas-1.00 a.m. gewwa Triq id-Dragonara, Paceville, San Giljan :

1) hebb ghal Joseph Schembri sabiex jingurjah, iddejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna;
2) ingurja jew hedded lil Joseph Schembri bil-kliem;
3) u aktar talli imbotta lil Joseph Schembri fit-triq biex iwegghu jew jinsulentah.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Novembru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 339(1)(d), 339(1)(e) u 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal ammenda ta’ sittin liri Maltin (LM60) u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rabtet lill-imputat b’obbligazzjoni personali ta’ LM100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Joseph Schembri u l-familja tieghu ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta’ Dicembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fl-intier taghha u kwindi tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor , jikkonsistu fis-segwenti, u cioe’ li jirrizulta b’mod car mill-provi prodotti , b’mod partikolari mix-xiehda ta’ Sarah Lucia Schembri li ma hux minnu li l-esponenti wettaq l-allegati reati di fronte ta’ Emmanuel Attard (Sic !) . Illi di piu’ hemm konflitt car ta’ provi li jimmilitaw li l-appellant kellu jigi liberat minn kull piena w imputazzjoni.

Semghet ix-xiehda mil-gdid fis-seduta tas-27 ta’ Frar, 2003, u semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza .

Rat l-ordni Taghha moghti fl-istess seduta biex Dr. Tufigno ghall-parti leza jesebixxi records tax-xoghol tal-parti leza konfermati bil-gurament li jistghu jitfghu dawl fuq il-jum meta gara l-incident billi anki fuq dan hemm kontestazzjoni;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Antonio Tufigno tas-26 ta’ Frar, 2003, li biha esebixxa zewg dokumenti mmarkati Dok ZC1 u Dok ZC2 flimkien ma’ affidavit spjegattiv ta’ Gilbert Micallef , impjegat ta’ Zarb Coaches Ltd. U zewg dokumenti mmarkati Dok AT1 u Dok AT2 flimkien ma affidavit spjegattiv tal-istess Dottor Antonio Tufigno.

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan il-kaz jittratta ncident li allegatament gara f' Paceville fit-2 t' Ottubru, 2002, li fih Joseph Schembri jilmenta minn hebb, ingurji, theddid u imbuttar biex iwegghu w jinsolentah da parti tal-appellant.

Illi l-kwistjoni kollha tirrizolvi ruha f'wahda ta' kredibilita' bejn il-versjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni Joseph Schembri w dik moghtija mill-appellant u sa certu punt biss minn Sarah Schembri, li tigi mart Joseph Schembri, li tghix separata minn zewgha w tikri minnghand l-appellant .

Il-versjoni ta' Joseph Schembri hi li fit-2 t' Ottubru, 2002, bejn nofs il-lejl u xis-1 am, hu kien bil-coach f' Paceville jistenna t-turisti, johorgu minn St. George's Park, jiekol bicca hobz. L-appellant, li darba kien segwieh bil-car, mar fuqu w qallu : "Tihomlha dawk it-tfal la taf li mhumiex tieghek." Hu wiegbu "iva ghandek ragun." u tela' fil-coach . L-appellant qallu "Jien nasal . Din mhux ser tieqaf hawn." Sadattant kien wasal driver iehor. Tela fil-coach u beda jitkellem ma xi hadd bit-telefon bit-Taljan. Ix-xhud ghandu l-ex-martu Taljana imma din ma kienetx hemm dak il-hin. L-appellant temmghalu t-telefon ma wiccu. Sadattant siehbu kien cempel ghal Pulizija. Izda meta gew il-Pulizija l-appellant lahaq telaq. L-uniku incident li kellu dak in-nhar kien mall-appellant ghax l-ex-martu ma kienetx hemm.

L-appellant xehed li hu ghandu flat mikri lill-ex-mart Schembri, Hal Luqa. Cahad li qieghed maghha. Hu Joseph Schembri u martu nzertaw kollha f'dawk l-agwati dak il-hin. Veru li hu gie notifikat bl-appell fl-indirizz tal-ex mara ta' Schembri go Hal Luqa, imma hu joqghod Santa Venera. Hu jaf bit-Taljan . Hu ma telax fuq il-coach . Il-glied kien sar barra il-coach u dan kien bejn Schembri w l-ex-martu ghalkemm fil-prezenza tieghu .

Sarah Schembri xehdet li kienet marret Paceville ma zewgt tfajliet. Sakemm qed jistennew Taxi lemhet lill-appellant u bdiet tparla mieghu "del piu' e del meno" . Hi

tikri post minn ghandu b’ LM60 fix-xahar . Damu xi 20 minuta. Umbaghad wasal zewgha Schembri u beda jinsolentha bi kliem u l-appellant beda jghidlu biex jaqtaghha w jzomm il-paci. Hi bezghat ghax zewgha jaghmel ix-xenati. Beda jghidilha “Prostituta , mi ha lasciato”. Mistoqsija x’kien liebes zewgha qalet li ma tafx u li l-fatt li l-appellant kien gie notifikat bl-appell fl-indirizz taghha kien zball. Hi ma marritx taghmel rapport dwar dak li gara dak in-nhar.

Billi f’certu hin minn dak li qal l-appellant anki qamet kwistjoni dwar id-data meta suppost gara dan kollu, il-Qorti ordnat lix-xhud Joseph Schembri, li jesebixxi dokumentazzjoni li tkun turi meta kien “on duty” bil-coach, bil-visto tal-avukat tal-appellant. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li fit-2 t’ Ottubru, 2002, Joseph Schembri kellu jigbor vjegg turisti mis-St. George’ s Park, Paceville biex johodhom l-Airport, bil-bus LCY 885.

Illi ghalkemm hu veru li hemm certu konflitt fil-provi, dan ma jfissirx li dan ghandu bil-fors johloq dubju dettat mir-raguni li necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni. Kif issottometta l-abbli Prosekutur, f’kull kaz ix-xiehda ta’ xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar (Art. 638 (2) tal-Kap.9). U kwistjoni dwar il-kredibilita’ ta’ xhud tithalla fid-diskrezzjoni ta’ min ghandu jiggudika l-fatti , billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta, karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta’ fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz (Art. 637, Kap.9).

Illi f’dal-kaz din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma w tara x-xiehda jiddeponu w tara l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda w tista’ tifhem ghala l-Ewwel Qorti aktar tat affidament lill- versjoni ta’ Joseph Schembri milli lil dik tal-appellant. Fl-istat tal-provi w konsidrat ukoll li l-appellant hu kontradett fl-alleggazzjoni tieghu li l-incident ma garax fil-jum indikat fic-citazzjoni minn provi

dokumentarji affidabbli, din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni ghala tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-fatti li hi ghamlet meta emmnet lil Schembri w ma emmnitx lill-appellant.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------